# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 143/13/1 JRM**

**Mario Pace**

**v.**

**Anthony u Edna konjuġi Mizzi; u Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Peter Paul Żammit li b'digriet tal-5 ta' Marzu, 2013 ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Terence Gialanze; u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2021 Dr. Noel Bartolo ġie sostitwit b'Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Settembru 2021 li biha ċaħdet it-talba għat-tħassir ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li l-attur iffirma bħala

garanti fid-9 ta' Novembru 2011, u dan minħabba li hu bażat fuq kawża lleċita.

2. Din il-kawża nbdiet b'rikors maħluf preżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Frar 2013 fejn l-attur ippremetta u talab s-segwenti:

> *"1. Illi r-rikorrenti iffirma bħala garanti fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 9 ta' Novembru 2011, in atti tan-Nutar Rosalyn Aquilina, hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'A';*
>
> *2. Illi ai termini ta' dan il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-intimat Terence Gialanze kkostitwixxa ruħu bħala debitur veru, ċert u likwidu, fil-konfront ta' l-intimati konjuġi Mizzi, fl-ammont ta' mitt elf ewro (Ewro100,000), u r-rikorrenti ffirma bħala garanti għal istess debitur Terence Gialanze;*
>
> *3. Illi sussegwentement għal iffirmar ta' l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, r-rikorrenti ġie a konjizzjoni ta' fatti illeċiti li l-istess rikorrenti ma kienx a konoxxenza tagħhom preċedentement, liema fatt irendu l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu bħala waħda nulla u bla effett;*
>
> *4. Illi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu hwa bbażat fuq kawża illeċita, stante li huwa bbażat fuq użura;*
>
> *5. Illi jirriżulta li l-ammont misluf lid-debitur intimat Terence Gialanze ġie mħallas mill-istess intimat, iżda l-intimati konjuġi Mizzi qegħdin jipproċedu għal eżekuzzjoni tat-titolu fil-konfront tar-rikorrenti, għal ħlas ta' l-ammont kollu;*
>
> *6. Illi l-intimati għalkemm interpellati permezz ta' ittra legali sabiex jersqu għar-rexxisjoni ta' l-imsemmi kuntratt, huma baqgħu inadempjenti.*
>
> *Jgħidu għalhekk l-intimati jew min minnhom għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:-*
>
> *(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat mir-rikorrenti bħala garanti, datat 9 ta' Novembru 2011 (Dokument A) huwa null u bla effett, stante li huwa bbażat fuq kawża illeċita;*
>
> *(ii) Tordna għalhekk li l-istess kuntratt jiġi rexiss għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi;*

*(iii) Tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-opprtun att ta' rexxisjoni, u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi f' dan l-att, filwaqt li tipprefiġġi l-jum, ħin u lok għal pubblikazzjoni ta' l-imsemmi att;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li qegħdin minn issa jiġu nġunti għas-subizzjoni."*

3. Il-konvenuti wieġbu[1] illi:

*"1. Illi m'huwiex minnu li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni huwa bbażat fuq kawża lleċita kif allegat mir-rikorrent;*

*2. Illi l-ammont ta' flus imsemmi fil-kuntratt in kwistjoni ġie mogħti b' self mill-esponenti lill-intimat Terence Gialanze għall-skopijiet tan-negozju tiegħu ta' importazzjoni ta' prodotti ta' detergents, fost oħrajn;*

*3. Illi m' huwiex minnu li l-ammont mogħti b' self lill-intimat Terence Gialianze mill-esponenti ġie mħallas minn Terence Gialanze kif allegat mir-rikorrent;*

*4. Illi m'huwiex minnu li l-esponenti ġew interpellati b' ittra legali sabiex jersqu għar-rexissjoni tal-kuntratt in kwistjoni;*

*5. Illi għalhekk it-talbiet kollha rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun ul-każ."*

4. Il-kuraturi deputati Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Peter Żammit f'isem l-assenti Terence Gialanze wieġbu[2] illi:

*"1. Illi f' dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw illi jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rappreżentati u f' dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' għandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk għandha informazzjoni oħra, oltre dik diga provduta fir-rikors ġuramentat*."

[1] Fol. 26
[2] Fol. 29

5. Fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attur sabiex tawtorizzah iressaq bħala xhieda lil: Carmelo sive Charlo Gauci; Mark Pace, Walter Gialanze, Olivia Mallia, il-psikjatra Dott. Anton Grech, il-ħaddiema soċjali Jennyfer Cortis u n-Nutar Dott. Charles Vella Zarb.[3]

6. B'rikors ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2014[4] l-attur talab il-permess tal-ewwel Qorti sabiex jappella minn dak id-digriet. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba peress li għad-digriet japplika l-Artikolu 229(1) tal-Kap. 12. Dan bla ħsara li jsir l-appell wara li tingħata s-sentenza definittiva.[5]

7. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2018, l-attur talab lill-Qorti sabiex ma tagħtix is-sentenza sabiex, filwaqt li tirrevoka *contrario mperio* d-digriet tagħha tas-7 ta' Ottubru 2014, bis-saħħa tal-Artikolu 156(7) tal-Kap. 12 tawtorizzah jippreżenta l-affidavit ta' Walter Gialanze, missier l-assenti konvenut Terence Gialanze.[6] B'digriet mogħti fit-3 ta' Diċembru 2018 il-Qorti ċaħdet it-talba.[7]

8. Fit-22 ta' Settembru 2021 ingħatat is-sentenza u l-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u fl-istess ħin

[3] Fol. 121, 154
[4] Fol. 156
[5] Fol. 172
[6] Fol. 205
[7] Fol. 211

laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li l-ftehim mhux mibni fuq kawża illeċita.

9. Fil-11 ta' Ottubru 2021 l-attur appella kemm mis-sentenza kif ukoll mid-digriet li bih l-ewwel Qorti ċaħdet sabiex jitressaq bħala xhud Walter. Fir-rikors tal-appell l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"tirrevoka, tħassar u tannulla l-preċitata sentenza u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-attur Mario Pace, bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut Anthony Mizzi."*

10. Kontestwalment, l-attur ippreżenta wkoll rikors permezz ta' liema talab lil din il-Qorti tawtorizzah jipproduċi lil Walter Gialanze bħala xhud tiegħu. Ma' dak ir-rikors annetta kopja mhux awtentikata tal-affidavit ta' dan ix-xhud.

11. B'risposta ppreżentata fil-15 ta' Novembru 2021, il-konvenuti konjuġi Mizzi wieġbu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

12. B'digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru 2021, din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur għall-produzzjoni tax-xhieda ta' Walter Gialanze.

13. B'deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Marzu 2022, l-attur ingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.

14. Il-fatti tal-każ ġew spjegati mill-ewwel Qorti:

> *"Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-attur deher fuq żewġ kuntratti bħala garanti għall-imħarrek Gialanzé (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-debitur"). L-ewwel wieħed kien dak tat-8 ta' April, 2011, fl-atti tan-Nutar Patricia Hall, fejn deher bħala garanti solidali mad-debitur għal faċilita` bankarja ta' overdraft illi ngħatat lill-istess debitur fl-ammont ta' mitejn elf ewro (€ 200,000). F'dak l-att, id-debitur ta favur il-Bank kreditur ipoteka ġenerali ta' ġidu kollu flimkien ma' rahan ta' żewġ poloz ta' assikurazzjoni, filwaqt li l-attur ta b'garanzija solidali mad-debitur ipoteka ġenerali u kif ukoll ipoteka speċjali fuq il-fond 31, Triq il-Port Ruman, f'Marsaxlokk. Il-faċilita` bankarja msemmija kienet approvata fis-7 ta' Marzu, 2011 bil-ħruġ ta' "sanction letter" li fiha kienet imfissra, fost ħwejjeġ oħrajn, il-garanzija li kien se jagħti l-attur favur il-bank kreditur. Il-kuntratt kien insinwat fir-Reġistru Pubbliku fl-14 ta' April, 2011;*
>
> *Illi fit-tieni kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fid-9 ta' Novembru, 2011, fl-atti tan-Nutar Rosalyn Aquilina, l-attur deher bħala garanti solidali għad-debitur li fuq l-imsemmi kuntratt iddikjara li kellu jagħti lill-imħarrkin miżżewġin Mizzi (minn issa 'l hemm imsejħin "il-kredituri") s-somma ta' mitt elf ewro (€100,000). Il-partijiet qablu li d-debitur irodd lura l-imsemmija somma bla mgħax b'rati hemm maqbula bejniethom fi żmien għaxar (10) xhur mill-1 ta' Diċembru, 2011. Jekk kemm-il darba d-debitur kellu jonqos li jħares il-programm ta' ħlas imqar b'dewmien f'rata waħda, kien jibda miexi mgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dak li jkun għad fadal jitħallas. Bħala garanzija għall-ħlas lura u pagamenti fil-ħin, id-debitur ta lill-kredituri ipoteka ġenerali ta' ġidu kollu sal-ammont ta' mitt elf euro u l-imgħaxijiet li jistgħu jkunu nġemgħu fuq il-bilanċ. Min-naħa tiegħu, l-attur intrabat mad-debitur bħala garanti solidali b'ipoteka ġenerali ta' ġidu kollu wkoll sal-ammont ta' mitt elf euro u l-imgħaxijiet li jistgħu jkunu nġemgħu fuq il-bilanċ. L-abbozz tal-kuntratt tħejja mill-avukat tal-kredituri u ngħata lin-Nutar li ppubblikat l-att sitt (6) ijiem qabel il-pubblikazzjoni, u l-pubblikazzjoni tal-istess att saret ukoll fl-uffiċju legali tal-imsemmi avukat;*
>
> *Illi l-attur jgħid illi resaq bħala garanti tad-debitur fuq l-ewwel kuntratt għaliex l-istess imħarrek kien wegħdu li kien ser idaħħlu sħab miegħu f'negozju, u minn dan in-negozju l-attur kien qed jittama li jkun f'qagħda illi jifdi ċ-ċens tad-dar tiegħu f'Marsaxlokk mal-Awtorità tad-Djar fl-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000). Ifisser ukoll li kien deher fuq l-att mertu ta' din il-kawża bħala garanti tad-debitur it-tieni darba għaliex qies illi b'dan il-mod biss seta' jeħles mill-problema li kien daħal fiha miegħu fuq l-ewwel ftehim, kif ukoll bit-tama li jara xi dħul min-negozju li d-debitur kien wegħdu. L-attur iżid jgħid illi l-faċilita` bankarja ta' overdraft mal-bank kreditur kienet miżmuma u kien għalhekk li d-debitur kellu jissellef mingħand il-kredituri miżżewġin Mizzi biex seta' jkompli jinnegozja;*

*Illi l-attur jgħid ukoll illi f'dawk iż-żminijiet kien għaddej minn problemi ta' nuqqas ta' finanzi, kif ukoll li kien fuq kura psikjatrika peress illi kien weġġa' fuq il-post tax-xogħol xi snin qabel u ma kienx f'qagħda li jaħdem aktar;*

*Illi fir-rigward tat-tieni ftehim, l-attur jgħid illi sa dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, il-fehma bejnu u d-debitur kienet illi hu jidħollu garanti biss għall-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000), iżda ffirma għal garanzija ta' mitt elf ewro (€100,000). L-attur jgħid li dwar din il-ħaġa sar jaf hekk kif kienu qegħdin quddiem in-Nutar u fil-preżenza tal-kredituri u dak il-ħin inqala' diżgwid bejnu u bejn l-imħarrek fuq din il-kwestjoni. Min-naħa tagħha, meta xehdet, in-Nutara ċaħdet dan u tiddeskrivi l-ftehim bħala li kien maqbul minn qabel u kien wieħed kwiet u mingħajr ġlied;*

*Illi sadattant l-attur jgħid illi l-imħarrek kien iserraħlu rasu illi kien qed jaqta' ftit ftit id-dejn li kellu mal-kredituri. Iżda wara sar jaf li dan ma kienx minnu, u meta għafas lill-imħarrek biex iżomm kelmtu miegħu, dan stqarr miegħu illi mal-kredituri kien qiegħed b'użura, bl-istess kreditur jitolbu l-ħlas lura tad-doppju tas-self*[8] *u jheddu li jagħmillu ħsara jekk jonqos li jasal;*

*Illi jirriżulta illi l-imħarrek għeb f'Novembru 2012 u jidher li telaq minn Malta. Sa dak iż-żmien kien midjun ma' bosta (persuni privati u istituzzjonijiet) fuq somom konsistenti, saħansitra ma' oħtu tar-rispett Olivia Mallia. Minn laqgħa li l-attur kellu magħha, sar jaf li kienet daħħlet rapport mal-Pulizija kontra ħuha, u għaddietlu numru ta' dokumenti li kienet sabet għandu wara li għeb. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta, fost oħrajn, illi fid-29 ta' Settembru 2012, l-imħarrek kien ħallas lill-kredituri s-somma ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€ 22,000) filwaqt li fit-22 ta' Ottubru 2012, il-kreditur irrikonoxxa illi l-bilanċ li kien baqagħlu jieħu mingħand l-imħarrek debitur marbuta mal-"business venture" kien ta' erbgha u erbghin elf euro (€ 44,000);*

*Illi fuq dokument ieħor iffirmat mill-imħarrek tidher is-somma ta' sebgħa u sittin elf ewro (€67,000) bħala ammont imħallas minnu lill-kredituri marbuta mas-self mertu tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u li dawn jinqasmu f'żewġ ċifri, waħda ta' tnejn u għoxrin elf ewro u l-oħra bis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf ewro. Madankollu, dan id-dokument ma jġibx il-firem tal-ebda wieħed mill-kredituri mħarrkin;*

*Illi l-kreditur Anthony Mizzi jgħid illi l-ammont ta' mitt elf euro kien jirrappreżenta flejjes illi għaddew fuq medda ta' żmien, u mhux f'okkażjoni waħda, qabel ma sar il-kuntratt li fih l-attur deher bħala garanti. Il-kreditur xehed li dawk l-ammonti kienu marbuta ma' 'business venture' li kien daħal fiha mal-imħarrek fin-negozju li hu kellu fl-impurtar tal-prodotti iġeniċi. Huwa jgħid illi dawn il-flejjes għaddew f'bosta okkażjonijiet, b'uħud minnhom isiru fi flus kontanti w oħrajn permezz ta' ċekkijiet, filwaqt li kien hemm okkażjonijiet meta l-*

[8] Affidavit tal-attur f'paġ. 49 tal-process

*kreditur ċeda sehmu mill-qligħ ta' merkanzija fuq suġġeriment tal-imħarrek. L-aħħar li huwa ltaqa' mal-imħarrek dwar in-negozju kien f'Novembru 2012, u mbagħad ma rahx aktar u ma seta' jagħmel l-ebda kuntatt miegħu. Il-kreditur Mizzi fisser li l-kitba tat-22 ta' Ottubru 2012 turi l-bilanċ li l-imħarrek kien għad fadallu jagħtih mid-dejn dikjarat fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar kważi sena qabel u li kienu garantiti mill-attur. Huwa jgħid illi kien hemm żmien fejn l-ammont dovut lilu kien ta' madwar mija u sebgħin elf euro (€ 170,000), iżda minn dawn tħallsu tnejn u għoxrin elf ewro minn missier l-imħarrek. Il-kreditur Mizzi xehed li ma għandu l-ebda dokumenti marbuta ma' din il-"business venture" li qal li kellu mal-imħarrek;*

*Illi fil-11 ta' Jannar tal-2013, il-kredituri ħarġu ittra uffiċjali kontra l-attur biex jitolbuh iħallashom l-ammont ta' mitt elf euro u, fl-istess waqt u bl-istess att, irrendew eżekuttiv il-kuntratt tad-9 ta' Novembru, 2011. Fis-7 ta' Frar, 2013, huma talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kontrih u ġew issekwestrati xi flejjes illi kellu fuq ismu fil-bank;*

*Illi fit-12 ta' Frar, 2013, l-attur fetaħ din il-kawża"*

15. Mill-aspett legali, il-konsiderazzjonijiet saljenti tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:

*"... l-attur jorbot it-talbiet tiegħu ma' xilja ta' kawża illeċita – l-allegata użura mħaddna mill-kredituri – bi ħsara tad-debitur, bħala r-raġuni li twassal għat-tħassir tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ...*

*Illi meta l-Qorti tqis il-provi li tressqu quddiemha miż-żewġ partijiet, issib li ma tistax toqgħod fuq ix-xilja tal-attur marbuta mat-tħaddim tal-użura. Kull ma joħroġ mill-provi huwa illi d-debitur kellu jagħti somma sostanzjali lill-kredituri. Dan l-ammont ma kienx kontestat u l-fatt li kien tella' dak id-dejn magħhom ma jikkostitwix obbligazzjoni illeċita. Fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn saħansitra jingħad espressament li ma kien se jimxi l-ebda mgħax fuq id-dejn mistqarr jekk kemm-il darba d-debitur kien iseħħlu jroddu lura fi żmien għaxar (10) xhur. Minbarra dan, jidher li l-għajn tar-rapport ġuridiku li minħabba fih tnissel id-dejn kien in-negozju ("business venture") li kien jeżisti bejn il-kreditur u d-debitur u li l-attur innifsu jagħraf li kien jeżisti u li kien ilu żmien imwebbel biex ikollu sehem minnu wkoll. L-istess ħaġa tingħad dwar l-allegazzjoni tal-attur li, fil-fehma tiegħu, kien se jidħol garanti tad-debitur fis-somma ta' ħamsin elf euro (€ 50,000) u mhux fuq is-somma d-doppju li ssemmiet fil-kuntratt. F'kull każ, ċirkostanza bħal din ma tippruvax – kontra dak espressament miftiehem u miktub – l-eżistenza ta' xi pretensjonijiet użurarji min-naħa tal-kredituri. Fl-aħħarnett, meta l-attur għażel li jagħti l-firma tiegħu bħala garanti tad-debitur, dan kien qiegħed jagħmlu għat-tieni darba f'medd ta' ftit xhur u, jekk kellu xi dubji dwar dak li kien sejjer jagħmel jew dwar dak li*

*għalih iffirma, kien messu għażel li ma jiffirmax qabel ma jieħu l-pariri meħtieġa u jara l-affarijiet tiegħu. Għall-kuntrarju, mill-provi mressqa ħareġ li dakinhar li sar il-kuntratt tal-kostituzzjoni tad-dejn, kollox kien miftihem minn qabel u l-partijiet resqu bil-kwiet għall-pubblikazzjoni tiegħu u ma nqala' l-ebda ntopp;*

*Illi l-Qorti tqis illi l-attur ma kien għaqli xejn u daħħal lilu nnifsu fi problema illi seta' bla tbatija jevita b'aktar attenzjoni, u dan meta lid-debitur kien ġarrab x'isarraf u kif ma setax joqgħod fuq kelmtu u l-wegħdi li qatt ma jżomm. Il-Qorti temmen u tagħder lill-attur meta jgħid illi kien għaddej minn żmien iebes f'ħajtu. Hija tħossha wkoll moralment konvinta illi l-attur ġie sfruttat mid-debitur meta webblu jidher fuq il-ftehim bħala garanti tiegħu għal darba darbtejn, iżda dan kollu ma jiġġustifikax il-kawżali li fuqha l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu għat-tħassir tal-kuntratt, u l-kitbiet ta' bejniethom għaldaqstant jibqagħlhom is-siwi tagħhom. Il-Qorti ma ngħatat ebda raġuni oħra għaliex għandha ssib li jeżistu ċirkostanzi għar-rexxissjoni tal-kuntratt mertu tal-każ;*

*Illi, biex ikun ingħad kollox, u ġaladarba ssemmiet mill-attur f'waħda mill-premessi u tressqet eċċezzjoni għaliha mill-kredituri mħarrkin Mizzi, il-Qorti ser tqis it-tieni aspett ta' din il-kawża, l-eċċezzjoni tal-istess imħarrkin illi d-dejn li għalih l-attur daħal garanti għadu mhux imħallas;*

*Illi l-eċċezzjoni tal-ħlas (l-exceptio soluti) hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jilqa' għat-talba għall-eżekuzzjoni ta' dik l-istess obbligazzjoni min-naħa tal-kreditur. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur;*

*Illi ladarba l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, iġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mit-tħaddim tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissodisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju;*

*Illi biex eċċezzjoni bħal dik tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lill-persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din;*

*Illi l-attur jisħaq illi d-debitur kien qallu li l-mitt elf ewro tħallsu lill-kredituri. Huwa jressaq bħala prova xi dokumenti li nstabu minn oħt l-istess debitur illi jixhdu illi kien għadda xi ħlas bejn id-debitur u l-kredituri tiegħu. Tliet dokumenti li l-Qorti tqis li huma ta' siwi huma l-irċevuta tad-29 ta' Settembru, 2012, id-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru, 2012 (msemmija aktar qabel); u nota tad-debitur li hija bla data iżda li*

*biċ-ċifri li jidhru fuqha hija indikattiva illi nkitbet wara d-29 ta' Settembru, 2012, wara li sar il-ħlas ta' tnejn u għoxrin elf ewro;*

*Illi l-kredituri ma jiċħdux li d-debitur kien wettaq ħlasijiet, ukoll wara li sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, iżda jgħidu li l-ħlas li sar kien għal raġunijiet oħrajn minn dawk imsemmija f'dak il-kuntratt li għalih l-attur daħal garanti. Dan għaliex id-debitur kien baqa' jżid dejnu magħhom u kellu jagħtihom ferm aktar minn hekk. F'waqt minnhom hu u jixhed, il-kreditur isemmi s-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000) li d-debitur kien tella' u ma ħallasx;*

*Illi l-Qorti ma tistax toqgħod għal kollox fuq il-verżjoni mogħtija mill-kreditur imħarrek. Jibda biex jingħad illi l-kreditur jirreferi għan-negozju li kien daħal fih mad-debitur bħala 'business venture', u d-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru, 2012, ftit ġranet biss qabel ma l-imħarrek għeb, tirreferi għall-bilanċ li baqa' dovut lill-kredituri marbut sewwasew ma' 'business venture'. Il-Qorti tqis illi, filwaqt li l-kreditur Mizzi jagħraf il-firma tiegħu fuq dik id-dikjarazzjoni, ma tistax tifhem kif jista' jkun li ma żammx dokumentazzjoni ta' dak li kien fadallu jieħu lura mingħand id-debitur, kif ukoll għaliex lanqas żamm dokumentazzjoni oħra li turi t-transazzjonijiet li saru bejniethom. Il-Qorti tqis illi l-kreditur imħarrek kien f'qagħda aktar b'saħħitha mid-debitur u ma jagħmilx sens illi jekk tassew kien hemm dejn ieħor minbarra dak imsemmi fil-kuntratt tal-kostituzzjoni ta' dejn, kopert bil-garanzija tal-attur, ma kellu xejn x'iżommu milli jiddokumentah b'xi mod x'imkien;*

*Illi l-Qorti għaldaqstant qiegħda tasal għall-fehma illi parti mis-somma ta' mitt elf ewro tħallset mid-debitur, iżda baqa' bilanċ favur il-kredituri kif tixhed id-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru, 2012, li għalih irid jagħmel tajjeb l-attur bħala garanti"*

16. L-attur jilmenta illi l-ewwel Qorti tbiegħdet mill-kwadru ta' użura li kellha quddiemha minħabba żewġ fatturi: (i) ix-xhieda inveritjiera ta' Anthony Mizzi; u (ii) n-nuqqas ta' għarfien tan-Nutara Rosalyn Aquilina. Jisħaq li huwa daħal garanti għad-dejn tal-konvenut Terence Gialanze għaliex kien nieqes mill-kapaċita` ta' kull xorta ta' dixxerniment u, minħabba f'hekk, illum id-dar tiegħu tinsab fil-mira tal-konvenut Mizzi u proċeduri oħra meħuda mill-Bank of Valletta plc. Dwar l-allegata użura jirreferi għall-affidavit tiegħu, dokument 'F' u għall-ispjegazzjoni mogħtija

mill-konvenut Mizzi dwar kif dejn li fl-aħħar ta' Ottubru 2012 kien niżel għal €44,000 reġa' tela' għal €100,000 skont l-ittra uffiċjali minnu ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2013 u mandat ta' sekwestru eżekuttiv ippreżentat fis-7 ta' Frar 2013. Jilmenta li l-ewwel Qorti naqset tikkunsidra li l-konvenut Mizzi ma kellu l-ebda liċenzja mill-Bank Ċentrali ta' Malta jew mill-MFSA biex isellef flus. B'żieda ma' dan jirreferi għall-fatt li l-Qorti tal-ewwel grad stess aċċennat għall-fatt li Mizzi ma żammx dokumentazzjoni dwar l-allegati bilanċi dovuti lilu. Għalih, din hija l-prova li dan kien każ ta' użura u l-mutwu li għalih qagħad garanti kien simulat sabiex tiġi moħbija dik l-użura billi s-somma ta' €100,000 ma kinitx verament versata iżda biss parti minnha '*u l-kumplament ġie miżjud fittizjament biex jimmaskera użura fuq dawk il-flus illeċitament mitluba.'* Jgħid li kieku l-ewwel Qorti ħalliet jixhed lil Walter Gialanze l-iżball tagħha kien jiġi mitigat. Itenni li dan ix-xhud ma tniżżilx fil-lista tax-xhieda għaliex meta ġew intavolati dawn il-proċeduri huwa ma kienx Malta iżda wara ċertu żmien irritorna. Skontu din kienet 'xhieda ċavetta' u ta' għajnuna kbira għall-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja. Jgħid finalment li l-ewwel Qorti stess irreferiet għall-fatt li Mizzi stess semma ammont ta' €175,000 u li dan kien l-iljunfant fil-kamra li hija naqset tara.

17. L-ewwel ilment tal-attur hu li ma tħalliex iressaq lil Walter Gialanze bħala xhud. Kuntrarjament għal dak li jipprova jagħti x'jifhem l-attur, quddiem l-ewwel Qorti ngħata iktar minn opportunita` waħda sabiex

iressaq il-provi.[9] Walter Gialanze kien wieħed mix-xhieda li l-attur inkluda fil-lista tax-xhieda (ara fol. 3). Għalhekk l-attur kieku ried seta' jħarrku bħala xhud waqt li kienu qegħdin jinġabru l-provi tiegħu. Imbagħad fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014 l-attur assistit mill-avukat, iddikjara li m'għandux iktar provi.[10] Għalhekk m'għandux jedd jippretendi li x-xhud jinstema' wara li hu stess kien qal li m'għandux iktar provi.

18. Fil-mertu l-attur jilmenta li l-ewwel Qorti kienet żvijata minħabba l-verżjoni mhux vera li ta l-konvenut u n-nuqqas ta' għarfien tan-Nutara Rosalyn Aquilina.

19. Dwar l-allegati nuqqasijiet tan-nutar, fis-sentenza appellata jingħad:

> *"Illi l-kawżali magħżula mill-atturi hija ċirkostanza li ma kinitx magħrufa lilu sa dakinhar li huwa resaq bħala garanti tad-debitur fuq l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Għalhekk, meta l-Qorti se tqisha, se żżomm quddiem għajnejha li din ma kinitx kawżali ta' vizzju ta' kunsens, min-naħa tal-attur, bħala raġuni li għaliha huwa qiegħed iressaq it-tieni talba tiegħu. Dan qiegħed jingħad għaliex, meta xehed, donnu ried jgħid li kien imġiegħel jersaq fuq dak l-att pubbliku, li ma kellux għażla oħra jekk mhux billi jersaq bħala garanti, u li fiż-żmien li fih kien ippubblikat l-att, hu kien għaddej minn żmien iebes ta' dipressjoni u taqlib finanzjarju. Qajjem ukoll argumenti li l-att nutarili nnifsu kien miżgħud b'nuqqasijiet li jġibuh ma jiswiex – bħal meta jsemmi n-nuqqas tan-nutar li tikkostata l-eżistenza tal-prokura li l-kreditriċi Edna Mizzi suppost kienet tat lil żewġha, id-dikjarazzjoni tad-debitur li hu kien mifrud personalment (meta x'aktarx ma kienx) u ħwejjeġ bħal dawn. Dawn huma ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal effetti partikolari fuq att nutarili, imma ma jista' bl-ebda mod jingħad li dawn jikkostitwixxu elementi ta' kawża illeċita."*

---

[9] Fol. 31, 33, 45
[10] Fol. 154

20. Il-kawża li fetaħ l-attur hi bażata fuq l-allegazzjoni li, *"4.... l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu huwa bbażat fuq kawża illeċita, stante li huwa bbażat fuq użura".* Ovvjament l-oneru tal-prova kienet fuq l-attur. L-ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għall-ilmenti li l-attur inkluda f'paragrafu 11 tan-nota ta' sottomissjonijiet u qalet li kienu rrilevanti għall-iskop tal-kawża ġialadarba l-azzjoni kienet bażata fuq l-allegazzjoni li l-kuntratt li ffirma l-attur kien fih kawża lleċita għaliex fih hemm element ta' użura. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti u m'għandhiex x'iżżid.

21. Dwar ix-xhieda ta' Mizzi, l-ewwel Qorti qieset li dan ma kienx ta' min jistrieħ għal kollox fuqha peress li ma ressaqx prova li tissostanzja l-bilanċ li l-appellati kien fadlilhom jitħallsu.

22. Min-naħa l-oħra kkonkludiet ukoll li lanqas l-allegazzjoni tal-attur dwar l-allegata użura ma kien ta' min joqgħod fuqha. Skont l-ewwel Qorti kulma joħroġ mill-provi huwa li d-debitur kellu jagħti somma sostanzjali lill-kredituri iżda dak id-dejn ma kienx kontestat u ma jikkostitwix fih innifsu obbligazzjoni lleċita. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi fil-kuntratt saħansitra jingħad li ma kienx ser jgħaddi imgħax fuq id-dejn jekk kemm-il darba d-debitur kien iseħħlu jroddu lura fi żmien għaxar (10) xhur u li, intqal li d-dejn tnissel minn "*business venture*" li kienet teżisti bejn il-kreditur u d-debitur, liema "*business venture*" l-attur irrikonoxxa tant li twebbel għal sehem minnu huwa wkoll. Qieset ukoll li dakinhar li sar il-

kuntratt tal-kostituzzjoni tad-dejn, kollox kien miftiehem minn qabel u l-partijiet resqu bil-kwiet għall-pubblikazzjoni tiegħu. Qalet li finalment, jekk l-intenzjoni tal-attur kienet li jidħol garanti biss għas-somma ta' €50,000 u mhux ta' €100,000 kif qal, seta' ma ffirmax. Iżda dan il-fatt waħdu ma jippruvax, kontra dak espressament miktub fil-kuntratt, l-eżistenza ta' pretensjonijiet użurarji min-naħa tal-kredituri.

23. Il-kostatazzjonijiet fuq imsemmija huma kollha minnhom. B'żieda ma' dawn il-Qorti tqis ukoll li dak allegat mill-attur huwa finalment ibbażat fuq dak li skontu qallu l-assenti konvenut Gialanze. Bniedem li, skont ma jgħid l-attur stess, kemm-il darba mar kontra kelmtu, ingannah u mmanipulah biex jasal fejn ried.

24. Eżempju ta' dan jirrisali għal April tal-2011 meta l-attur kien aċċetta li joqgħod garanti għal self li Gialanze ħa mill-bank li skont dan tal-aħħar kellu jintuża biex ikabbar in-negozju tiegħu u jdaħħal lill-attur bi sħab miegħu f'kumpanija li kellu. Qallu wkoll li *"ried ukoll li kollox ikun bil-miktub quddiem nutar jew avukat"*. Iżda l-attur baqa' ma ra xejn minn dak li ġie mwiegħed u xi żmien wara sar jaf li b'dak is-self Gialanze xtara karozza lussuża. L-attur stess qal kif Gialanze kien ingannah ukoll dwar in-negozju għaliex meta mar f'dik li suppost kienet fabbrika, *".... kienet*

*biss garaxx imdaqqas u li fiha kien hemm biss Walter u Terence Gialanze minflok l-64 ħaddiem li Terence kien qalli li kellu".*[11]

25. Spjega wkoll li wara li Gialanze ssellef is-somma ta' €100,000 mingħand il-konvenut Mizzi li kellha tkun mingħajr imgħax għal perjodu ta' għaxar xhur u huwa reġa' għamillu garanti għaliex Gialanze kien wegħdu li b'hekk kien se jkun f'pożizzjoni jaqta' d-dejn mal-Bank. Skont l-attur, meta kien se jiskadi l-ftehim ma' Mizzi, huwa skopra li b'dawk il-flus Gialanze kien irnexxielu jieħu self ulterjuri mill-bank li bih xtara *cabin cruiser* ta' iktar minn 45 pied. Altru għalhekk milli uża l-istess biex jaqta' d-dejn li kellu. Jgħid li sussegwentement:

> *"... kien ċempilli Terence u qalli li ried jiġi jarani malajr. Gie d-dar tiegħi mfarrak u mbikkem u kixef miegħi li kien żbalja darb' oħra u li ma' Mizzi kien qiegħed b'użura u li kien qiegħed jagħtih €10,000 fix-xahar bl-imgħax 100% u cioe ħals lura tad-doppju tas-self. Qalli li Mizzi kien ħadlu l-karozza kontra EUR31,000 u li Mizzi kien qiegħed jitlob dejjem aktar flus. Dakinhar bellaħni u kompla jbellaħni meta qalli li Mizzi qatt ma kien tah riċevuta tal-ħlasijiet li kien għamillu minkejja li Terence kien ħallsu lura aktar minn €100,000. Kien qalli li Mizzi kien baqa' jitolbu l-flus..."*[12]

26. Fil-kuntest tal-istraxxiku ta' gideb sfaċċat u ngann da parti ta' Terence Gialanze fil-konfront tal-attur, hekk kif qal l-attur stess, anke li kieku l-Qorti kellha taċċetta bħala fatt li meta saret il-kostituzzjoni tad-debitu Terence Gialanze verament qal lill-attur li ssellef €100,000 mingħand Mizzi u sussegwentement qallu wkoll li dak is-self kien bl-użura b'imgħax ta' 100%, dan ma jfissirx li dak li qal lill-attur kien il-verita`.

[11] Fol. 49.
[12] Fol. 49

27. L-attur qal ukoll li Gialanze kompla jgħidlu illi *'jew ngħinu lil xulxin jew ngħerqu t-tnejn'* u ftit wara reġa' talbu €4,000 bl-iskuża li b'hekk kien se jestendi l-perjodu ta' self mal-konvenut Mizzi. Peress li ma kellux minn fejn isellfu €4,000 talab dik is-somma mingħand Charlo Gauci, ħabib tiegħu, li aċċetta. Xhud li ma jissemmiex fil-lista tax-xhieda tal-attur. Hu stramb kif l-ewwel Gialanze qal lill-attur li lill-konvenut kien ħallsu iktar minn €100,000 u mbagħad wara li ngħata l-€4,000 imur jiffirma d-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru 2012. Il-Qorti ma tistax toqgħod tispekula. Jekk l-attur emmen dak li qallu Gialanze, il-Qorti lanqas tifhem kif l-attur tah parir *"... jitlob lil Mizzi iġedded iż-żmien tal-kuntratt"*. B'iktar żmien ma kienx ser jibdel dak dikjarat fil-kuntratt. Dan apparti li jekk l-affarijiet ġraw kif qal l-attur, Gialanze kien reġa' daħak bih għaliex ma tawwalx il-perjodu fil-kuntratt.

28. Jirriżulta li s-somma ta' €4,000 ingħatat lil Mizzi u bi skrittura datata 22 ta' Ottubru 2012[13] ġie dikjarat illi:

> *"I am receiving today the sum of four thousand Euro (€4,000) from Terence Gialanze ... as payment on account of a larger sum owed to me with respect to a business venture.*
>
> *The balance due by Terence Gialanze to Anthony Mizzi as at the end of October 2012 with respect to the said business venture is of fourty four thousand Euro (€44,000).*
>
> *This amount is not related to any other dues owed by Terence Gialanze to Anthony Mizzi."*

[13] Fol. 73

29. Dikjarazzjoni li għalkemm serviet biex l-ewwel Qorti tikkonkludi li parti mis-somma ta' €100,000 tħallset mid-debitur, pero` ma tagħti l-ebda ħjiel li l-kuntratt mertu ta' din il-kawża hu bażata fuq l-użura.

30. Imbagħad f'Novembru 2012, Terence Gialanze għeb u mhux magħruf x'sar minnu. L-attur qal ukoll li Olivia Mallia, oħt Gialanze, tatu xi dokumenti li huwa ppreżenta bħala 'Dok 'J'' a fol. 109 – 110. Dik il-persuna wkoll ma tressqitx bħala xhud u għalhekk mhux magħruf kif dawk id-dokumenti ġew f'idejha u min hu l-awtur tagħhom.

31. In kontro-eżami l-konvenut Mizzi kkonferma li fuq l-iskrittura tat-22 ta' Ottubru 2012 hemm il-firma tiegħu.[14] Spjega li s-somma ta' €100,000 li għaliha jirreferi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Novembru 2011 ma kienx self iżda kapital li nvesta f'*business venture* amministrata minn Terence Gialanze, u sehmu mill-qliegħ fl-istess *business venture* li baqa' jiġi nvestit fiha.[15] Fil-kuntratt jingħad li s-somma ta' €10,000 ingħatat lil Gialanze *"... on a date prior to today for his business commitments"*. Żied li meta l-ammont sħiħ tal-investiment kien €100,000, talab lil Gialanze jagħmillu garanzija. Il-konvenut Mizzi jgħid li s-somma ta' €44,000 li għaliha tirreferi l-iskrittura tat-22 ta' Ottubru 2012 kienu oltre s-somma garantita mill-attur.[16] Dan billi wara li f'Novembru tal-2011 sar il-kostituzzjoni ta' debitu, il-*business venture* baqgħet għaddejja u

[14] Fol. 147
[15] Fol. 148
[16] Fol. 149 u 151

għalhekk is-somma totali f'punt minnhom telgħet għal €170,000. Jgħid li sussegwentement sar pagament ta' €22,000 minn missier Terence Gialanze.[17] Meta saret l-iskrittura tat-22 ta' Ottubru 2012 a fol. 73 tħallsu €4,000 ulterjuri u għalhekk il-bilanċ niżel għal €44,000. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut Mizzi jgħid li dan jaqbel perfettament mal-ammonti ndikati fix-xhieda tiegħu, ossija: €170,000 – [€22,000 + €4,000] = €144,000 rappreżentanti €100,000 garantiti mill-attur u l-€44,000 li għalihom tirreferi l-iskrittura tat-22 ta' Ottubru 2012.

32. Il-Qorti tqis illi dik il-verżjoni bejn wieħed u ieħor taqbel ma' dak li kien stqarr il-konvenut Mizzi lill-Pulizija meta kien qiegħed jiġi nvestigat l-għejbien ta' Terrence Gialanze. F'dikjarazzjoni meħuda fit-8 ta' Diċembru 2012, il-konvenut Mizzi qal li l-bilanċ li għandu jieħu mingħand l-assenti Gialanze huwa fis-somma ta' €141,000.[18]

33. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti hu evidenti li m'emmnitx għal kollox il-verżjoni tal-konvenut. Tant hu hekk li kkonkludiet illi, *".... parti mis-somma ta' mitt elf ewro tħallset mid-debitur, iżda baqa' bilanċ favur il-kredituri kif tixhed id-dikjarazzjoni tat-22 ta' Ottubru 2012, li għalih irid jagħmel tajjeb l-attur bħala garanti"*. Hu fatt li l-konvenut:

---

[17] Fol. 149
[18] Fol. 129

i. Ma ppreżentax dokument wieħed dwar is-suppost *business venture* li kellu ma' Gialanze.

ii. Fil-kuntratt tad-9 ta' Novembru 2011 jingħad li s-somma ta' €100,000 ingħatat mill-konvenuti lil Gialanze, *"on a date prior to today for his business commitments"*. Saħansitra fit-tieni eċċezzjoni l-konvenuti qalu li l-flus ingħataw b'self lil Gialanze, *"2.... għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu ta' importazzjoni ta' prodotti ta' detergents, fost oħrajn"*.[19] Pero` mbagħad il-konvenut xehed li dik is-somma kienet tinkludi flus li ta lil Gialanze u qligħ mill-investiment li għamel miegħu fuq negozju. Min-naħa l-oħra fid-dikjarazzjoni li ta lill-pulizija qal, *"jien tajtu €100,000 (ċekkijiet u flus)"*.

iii. Fit-22 ta' Ottubru 2012 Gialanze u l-konvenut iffirmaw skrittura privata li fiha ġie dikjarat li fadal bilanċ ta' €44,000 *"with respect to the said business venture"*. Il-konvenut ma semmiex li kien hemm xi *business venture* oħra apparti dik li xehed dwarha. Għalhekk kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, parti mis-somma ta' €100,000 kienet tħallset minn Gialanze qabel għeb.

34. Madankollu, il-fatt li l-verżjoni li ta l-konvenut fiha nkonsistenzi, ma jfissirx b'daqshekk li dik hi prova li l-kuntratt hu bażat fuq użura. Fir-rikors tal-appell l-attur jinsisti li huwa rnexxielu jipprova li, '*l-ammont ta'*

[19] Fol. 26.

*€100,000 imsemmi fil-kuntratt in kwistjoni ma kienx verament versat iżda biss parti minnu, u l-kumplament ġie miżjud fittizjament biex jimmaskera użura fuq dawk il-flus illeċitament mitluba'*.

35. Apparti x-xhieda tiegħu bażata fuq dak li suppost qallu Terence Gialanze, tan-Nutar Rosalyn Aquilina, l-Ispettur Yvonne Farrugia u l-konvenut in subizzjoni, l-attur ippreżenta wkoll xi dokumenti fosthom 'Dok. J' a fol. 109 u 110 li qal li huma konteġġi li tatu Olivia Mallia, oħt Gialanze. L-awtur ta' dawk id-dokumenti ma xehedx u skont il-liġi mhumiex prova tal-kontenut. Dan apparti li l-figuri ma jaqblux mal-kumplament tal-provi fl-atti. Minn dak dikjarat f'dawk id-dokumenti l-Qorti ma tistax tasal għal xi konklużjoni li l-kuntratt tad-9 ta' Novembru 2011 hu bażat fuq kawża lleċita.

36. Lanqas l-attur innifsu ma kien jaf jitfa' dawl dwar il-ftehim bejn Gialanze u l-konvenut Mizzi. In kontro-eżami xehed li huwa qatt ma ra lil Terence Gialanze jgħaddi flus lil Mizzi u li qatt ma kien preżenti meta ddiskutew dwar l-imgħax dovut fuq is-somma in kwistjoni.[20] Għalkemm fl-affidavit xehed li meta fuq il-kuntratt issemmiet is-somma ta' €100,000 kien argumenta ma' Gialanze għaliex oriġinarjament kien semmielu ċ-ċifra ta' €50,000; *"Jien u Terence Gialanze kellna argument fil-miftuħ ta' kulħadd"*. Verżjoni li ma ġietx korraborata min-nutar Aquilina li

[20] Fol. 163

kkonfermat li ma kienx hemm argumenti waqt il-kuntratt u ma kienx hemm problemi. Mistoqsi dwar dik il-parti tal-affidavit tal-attur, qalet: *"Ma niftakar xejn minn dan. Fil-fatt kieku ma qablux fuq il-prezz ma konniex nagħmlu l-kuntratt"*.[21]

37. Imbagħad l-ilment tal-attur li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li l-konvenut Mizzi ma kellux liċenzja mill-Bank Ċentrali ta' Malta jew mill-MFSA biex isellef flus, hu bla bażi. Fl-ewwel lok dak l-ilment ma kienx il-mertu tal-kawża. Min-naħa l-oħra ma jirriżultax li Mizzi ta xi *credit facilities* li jeħtieġu liċenzja mingħand l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti.

38. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li l-ftit provi li tressqu mhumiex biżżejjed sabiex tikkonkludi li x'aktarx il-kuntratt tad-9 ta' Novembru 2011 hu bażat fuq l-użura.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr

[21] Fol. 138